MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 233/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fis-16 ta' April 1994 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt tifal T liillum ghandha 17 il-sena u W li ghandha 15 il-sena;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Rachel Busuttil tat-13 ta' Lulju 2000 Dokument "A";

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom

hajja totalment separata minn xulxin u rabtiet b'familja ohra;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat klawsola sitta, l-intimat obbligat li ihallas is-somma ta' mhux inqas minn Eur 70 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess tfal minuri filwaqt li l-partijiet iddekadew mid-dritt skond klawsola numru 5 illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Lulju, 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin u illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni l-intimat huwa obbligat illi jhallas is-somma ta' mhux anqas minn

sebghin Ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-ulied minuri u ma hemm l-ebda problema fuq dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------